MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 184/2013

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Justin Redeemer Chircop**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar is-26 ta' Gunju 2013 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, mitejn u tlieta u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€6,233.83) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A1 sa A4) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta' Gunju 2013 sad-data tal-effettiv pagament, liema loan giet moghtija lilu permezz ta' skrittura privata datata 5 ta' Gunju 2004 (Dok. B).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok. B) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Justin Redeemer Chircop (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2011 (Dok. C) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi il-konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Reno Spiteri datata 8 ta' Awwissu 2013 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-bank attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut  dakinhar tal-4 ta' Ottubru 2013.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013 l-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, mitejn u tlieta u tletin ewro u tlieta**

**u tmenin centezmu (€6,233.83) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghax ulterjuri mill-5 ta' Gunju 2013 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------